# Minuti

## Seduta Nru. 34/2013

Data: Il-Tlieta, 26 ta' Frar 2013

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida kif ukoll ta' Birkirkara.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
7. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 34/2013

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni



***Kunsill Lokali Birkirkara***
Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 – TEL: 21442626, FAX: 21442644
***Kunsill Lokali L-Imsida***
Pjazza Menqa, Msida MSD 9090 – TEL: 21334343, FAX: 21342424
***Aġent Segretarju Kumitat Amministrattiv Swatar***
TEL: 22002308, FAX: 22002313, email: christopher.galea@gov.mt

**Minuti 34/2013**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 33/2012 kienu tqassmu qabel, ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-pulizija telgħu erbgħat ijiem fejn l-iskola tas-St Martins. Is-Sa Spiteri qalet li l-problema baqgħet l-istess. Iċ-*Chairperson* qalet li l-Kumitat irid jibqa' jinsisti aktar mal-pulizija ħalli jkun hemm aktar dixxiplina f'din it-triq waqt il-ħruġ tat-tfal mill-iskola. Il-Kumitat qabel unanimament.

*Traffiku fit-Triq tas-St Martins College.*

**3.2** **Fuq Punt 3.2 –** Iċ-*Chairperson* qalet li suppost il-Kunsill ta' Birkirkara ma jsibux oġġezzjoni li din it-triq tinfetaħ. Iċ-*Chairperson* għandha tibqa' tinsisti mal-Kunsill sabiex it-talba lit-TM issir.

*Triq it-Torri tinfetaħ għall-Triq Dun Karm.*

**3.3** **Fuq Punt 3.3 –** Il-Kumitat iddiskuta l-gate li ġiet installata fil-bandli tas-Swatar kif ukoll iddiskuta r-risposta li ingħata mill-MCCAA. Il-Kumitat mhux kuntent kif ġiet installata u għaldaqstant iddeċieda li jikkomunika lill-kuntrattur li l-parti fissa tal-gate mhix kif ġiet kwotata fl-istampi li ntbgħatu mill-kuntrattur stess u cioe li din il-parti fissa tkun eżatt bħall-gate kemm fid-disinn kif ukoll fil-kulur. Barra minn hekk rigward il-gate kif tinfetaħ, il-Kumitat, skont il-komunikazzjoni mal-MCCAA, qed jifhem li hija skont l-istandards u qed jaqbel li mhux lok li tissakkar b'xi lokk iżda l-molla għandha tiġi ssikkata ftit aktar u ma tkunx daqstant laxka li anka bir-riħ qed tinfetaħ.

*Bandli tas-Swatar*

**3.4** **Fuq Punt 3.5 –** Iċ-*Chairperson* qalet li din il-materja ser tiġi diskussa aktar fid-dettal wara l-elezzjoni.

*Korsijiet tal-Crafts*

**3.5** **Fuq Punt 4.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qassam il-business cards lill-membri tal-Kumitat.

*Business Cards għall-Membri tal-Kumitat*

**3.6** **Fuq Punt 5.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li din il-materja ser tiġi diskussa aktar fid-dettal wara l-elezzjoni.

*Residential Parking*

**3.7** **Fuq Punt 6.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv iċċekkja mal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard fejn infurmawh li kulma ħareġ spejjeż il-Kunsill kien fuq l-ipprintjar tal-istickers. Il-Kumitat iddeċieda li jiġu printjati 100 sticker u kull min ikun irid waħda irid jimla formola u mbagħad jieħu ħsieb ir-resident stess fejn u kif iwaħħal din l-isticker quddiem il-garaxx tiegħu.

*Ipparkjar quddiem il-garaxxijiet tar-residenti.*

**3.8** **Fuq Punt 7.3 –** Iċ-*Chairperson* qalet li dwar din il-materja ser tistenna li tgħaddi l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u terġa tinsisti u tistaqsi dwar dawn il-proġetti.

*Proġetti dwar l-Għalqa tas-Sisla u Triq il-Wied*

## 4. Korrispondenza

**4.1** Ma kienx hemm ebda korrispondenza x'tiġi moqrija.

## 5. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**5.1** Ma kienx hemm ebda mistoqsijiet jew interventi mill-Membri tal-Kumitat.

## 6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**6.1** Iċ-*Chairperson* qalet li trid tagħmel żjara ta' korteżija lill-Kap tal-Oppożizzjoni sabiex il-Kumitat jiddiskuti il-possibbilta' li l-BLS jidħol fil-kurrikulum nazzjonali.

## 7. Għeluq u Aġġornament.

**7.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2013, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

____________________
*Chairperson*, KAS

____________________
Aġent Segretarju, KAS

____________________
Data

**Annex B**

## Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| **Ref.** | **Suġġett** | **Entita' / Persuna Responsabbli** |
|---|---|---|
| **3.2** | *Triq it-Torri tinfetaħ għall-Triq Dun Karm.* | *Chairperson* |
| **3.3** | *Bandli tas-Swatar* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.7** | *Ipparkjar quddiem il-garaxxijiet tar-residenti* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.8** | *Proġetti dwar l-Għalqa tas-Sisla u Triq il-Wied* | *Chairperson* |